# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 26 ta' April, 2001**

**Numru: 5**

**Citazzjoni Numru: 1714/95 JF**

**Tarcisio u Grace konjugi Zarb**

**vs**

**Victor u Joseph ahwa Zammit Tabona**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni,

Premess illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond “St. Mary House”, Qui Si Sana Seafront, Sliema fil-waqt li da parti taghhom il-konvenuti huma d-“developers” tal-korp ta’ bini wkoll maghruf bl-isem ta’ “St. Mary’s Flats”, Qui Si Sana, Sliema;

U premess illi meta kien qieghed isir xoghol strutturali l-atturi sofrew diversi hsarat fil-fond taghhom b’konsegwenza ta’ l-istess xoghlijiet;

U premess illi l-konvenuti de proprio permess ta’ skrittura datata 10 ta’ Settembru 1991 (ara dokument “A”) obbligaw li jaghmlu a spejjez taghhom ir-riparazzjonijiet kollha deskritti fl-iskrittura fuq imsemmija;

U premess illi minkejja mitlubin jaghmlu x-xoghlijiet kollha skond l-iskrittura fuq imsemmija, baqghu inadempjenti;

Talbu li din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuti u tordnalhom sabiex jaghmlu x-xoghlijiet kollha minnhom assunti li jaghmlu fl-iskrittura ta’ l-10 ta’ Settembru 1991, liema xoghlijiet ghandhom jigu maghmula fi zmien qasir u perentorju okkorrendo taht is-supervizjoni ta’ periti nominandi; u

2. Fin-nuqqas li jaghmlu dak lilhom ordnat, l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu dawk ix-xoghlijiet a spejjez ta' l-stess konvenuti;

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, il-lista tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament il-verbal datat 8 ta' Mejju 1996 (a fol. 10 tal-process) fejn Dr. Siegried Borg Cole li kien qieghed jidher ghall-konvenut iddikjara "li hu mhux qed jikkontesta t-talba u dispost li jaghmel ix-xoghlijiet skond l-obbligazzjoni. Dok A, a fol. 5 tal-process".

Rat id-digriet ta' nomina ta' perit tekniku gudizzjarju ad istanza tal-Qorti, fejn gie nominat l-A.I.C. David Pace;

Rat ir-relazzjoni peritali a fol. 38 – 43 tal-process, fejn inter alia, l-abili relatur ikkonkluda li (ara para. 06, fol. 5 tar-rapport, fol. 42 et seq. tal-process) illi,

> *"Ma hemm l-ebda dubju illil-hsarat illi minnhom isofri l-fond huma rizultat ta' xoghlijiet li gew kostruwiti fis-sulari ta' fuq".*

Fil-fatt irrizulta li l-konsenturi riskontrati mill-perit gudizzjarju kienu kompatibbli ma' zieda ta' piz fuq l-istruttura sovrastanti b'taghfis fuq il-hitan tal-pjan terren, b'tifqiegh taz-zebgha u tikhil. Inqasmu wkoll xi blajjet u xi gebel, b'tieqa fuq il-faccata mblukkata mic-caccis taghha. It-travi wkoll iddahhlu mhux kif titlob is-sengha tal-bini. B'hekk allura l-wicc tal-hajt ta' l-atturi ghandu r-ras esposta tat-travi tal-hadid li trid tigi b'kisi u zbuzzar. Dejjem skond il-perit gudizzjarju wara dan ix-xoghol rimedjali, l-aperturi ta' l-injam ghandhom jergghu jigu ssettjati u rrangati sabiex jiffunzjonaw sew. Skond il-perit gudizzjarju dan ix-xoghol ghandu jsir u jitlesta entro tliet (3) xhur u gie stmat li jqum elf tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm1,850);

Il-Qorti, tenut kont tal-provi, tar-relazzjoni peritali u tad-dikjarazzjoni tal-konvenuti fejn ammettew li kienu kkagunaw hsarat, m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti. Di fatti jirrizulta li anke ftehim kien gie milhuq bejn il-kontendenti (ara Dok A, a fol. 5 tal-process) li kien jindika x'kienu l-hsarat li htiegilhom jigu rrangati mill-konvenuti, kif ukoll il-mod kif ix-xoghol kellu jsir u jigi sorveljat. Ghal xi raguni pero' dan il-ftehim baqa' ma giex attwat u saret din il-kawza – izda l-ftehim kien juri li l-partijiet kienu edotti x'kienu l-hsarat.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u ghalhekk qeghda tikkundanna lill-konvenuti biex jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha miftehma mal-kontroparti attrici skond id-dokument A u li gew elenkati mill-perit tal-Qorti u msemmijin fil-korp ta' dina d-decizjoni, liema xoghlijiet ghandhom jinbdew u jitlestew fi zmien tliet xhur mil-lum, liema perjodu hu wiehed perentorju u, okkorrendo taht is-supervizjoni tal-A.I.C. David Pace, a spejjez dejjem tal-konvenuti, u fin-nuqqas li dan isir l-atturi huma awtorizzati li jaghmlu x-xoghol huma, liema xoghlijiet iqumu s-somma totali ta' Lm1,850.

Il-kap ta' l-ispejjez jithallas interament mill-konvenuti, inkluzi dawk peritali.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md